# IL-PULIZIJA



Vol. 6 No. 2





In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

MARZU/APRIL 1986

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: E. Attard



Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; J. Agius; Surġent Maġġur E. Bellia; Surġent 419 A. Sciortino


**KOPERTINA:**

**Klieb G.S.Ds tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta flimkien ma' tnejn mill-Pulizija nkarigati minnhom tal-"Malta Police Dog Section.**

## F'Din il-Ħarġa


Preżentazzjoni ta' Vetturi lill-Pulizija ta' Malta........2
Wirja ta' Hobbies ..............3
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ...............4-5-8
The History of Photography.............6-7-8
Nies Magħrufa.................11
Projecting Malta's Good Image in France ............12
Paġna għat-Tfal ...............13
Malta Police Dog Section .............14-15
Mill-Kumitat ta' l-Entertainment.............16
Hobbies .........................17
Mid-Dinja Mużikali ..........18
U.S. researchers cite efforts in fight against AIDS Virus ....19-20
Legal Notes.....................20
Mill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti..................21
Dun Gejt Mannarinu .....22-23
Ma Kontx Nafha, Sirt Nafha u Qed Nistenniha ...il-Mewt! ....................23
Sports...................24-25-26


# ALLEGAZZJONI JEW FATT?

Il-Bord Editorjali ta' dan il-magazine ma jistax ikun passiv meta jara ċerti artikoli f'gazzetta lokali jikkritikaw il-Korp tal-Pulizija jew inkella jużaw individwu, membru tal-Korp tal-Pulizija, biex jippruvaw iħammġu lill-istess Korp.

Ftit tal-ġimgħat ilu kien deher artiklu f'gazzetta lokali magħrufa għal din it-tip ta' kritika taħt l-isem "Take some Torture Home" fejn ġie rrappurtat li l-mara barranija ta' membru tal-Korp tal-Pulizija għamlet kawża lil żewġha għad-drittijiet tagħha f'Qorti barra minn Malta u allegat li ż-żwieġ tagħha sfaxxa minħabba li żewġha kien involut f'atti ta' tortura.

L-avukat ta' dan il-membru tal-Korp irrisponda lill-Editur ta' din il-gazzetta u informah li dak li allegat il-mara tal-klijent tiegħu rigward it-tortura hija gidba u qegħda biss fl-immaġinazzjoni tagħha. Madankollu l-kritiċi tal-Korp li soltu jiktbu f'din il-faċċata ma naqsux jagħmlu l-kummenti tagħhom u qalu li mhux kompitu tagħhom jgħidu min qiegħed jgħid il-verità jew jigdeb, iżda żiedu jgħidu li hija kurjuża ħafna kif il-mara ta' dan il-membru tal-Korp tal-Pulizija marret tagħmel dawn l-allegazzjonijiet meta kien ikun aktar faċli għaliha li tgħid li ż-żwieġ tagħha sfaxxa minħabba infedeltà u krudeltà da parti tar-raġel tagħha. Dawn komplew jgħidu li kien ikun iżjed faċli għal din il-mara li tirbaħ is-simpatija tal-Qorti b'dan il-mod milli kif huwa allegat li għamlet hi. Jidher ċar li dawn il-kritiċi ma naqsux li jgħinu lil qarrejja tagħhom jiffurmulaw opinjoni dwar min qiegħed jigdeb jew min għandu raġun.

Din, madankollu, ma hiex xi sorpriża għal min jaf x'inhu l-iskop ta' dan l-artiklu u oħrajn bħalu, iżda li hu żgur hu li dak li għidna aħna fl-editorjal tal-ħarġa ta' dan il-magazine ta' Jannar/Frar 1986, dwar dawn il-kritiċi li qegħdin jagħmlu minn kollox u jużaw kull mezz biex iħammġu l-Korp tal-Pulizija huwa korrett. Jidher biċ-ċar li dawn il-kritiċi ma mxewx fuq il-prinċipji morali tal-fidi Kattolika dwar il-karità tal-proxxmu li żgur jemmnu fihom u ma kkonsidrawx x'effett jista' jkollu dan l-aġir tagħhom fuq il-ħajja ta' dan il-membru tal-Korp tal-Pulizija.






Fuq: Karozzi Fiat Fiorino, sabiex jintużaw mid-Dipartiment tal-Laboratorju Forensiku.

Xellug: L-Ambaxxatur Taljan jippreżenta ċ-ċwievet tal-vetturi lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta.

# Preżentazzjoni ta' Vetturi lill-Korp tal-Pulizija mill-Gvern Taljan

Nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 1986 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija f'ċerimonja qasira l-Ambaxxatur Taljan l-Eċċellenza Dott Andrea Negretto Cambiaso ippreżenta f'isem il-Gvern Taljan numru ta' vetturi lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dawn il-vetturi sejrin jintużaw mit-Taqsima tat-Traffiku u mil-Laboratorju Forensiku.

F'diskors qasir ta' l-okkażjoni l-Ambaxxatur irrefera għall-koperazzjoni li teżisti bejn iż-żewġ pajjiżi u kif l-Italja bħala pajjiż ġirien dejjem tagħmel dak li tista' biex tgħin lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Huwa awgura illi dan l-apparat li ngħata jservi lill-Korp tal-Pulizija fil-qadi tad-doveri tiegħu.



Muturi Moto Guzzi li se jintużaw mit-Taqsima tat-Traffiku.

Il-Kummissarju tal-Pulizija għan-nom tal-Gvern u f'isem il-Korp irringrazzja lill-Ambaxxatur għal din l-għotja u qal li kien ċert li se tkun ta siewi għall-Korp. Irrefera wkoll għall-relazzjonijiet viċini li jeżistu bejn il-Forzi tal-bonordni Taljani u l-Pulizija ta' Malta. Barra minn għajnuna bħal din dawn ir-relazzjonijiet iservu wkoll biex iż-żewġ naħat ikunu jistgħu jgħinu lil xulxin fil-ġlieda kontra l-kriminalità.



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

LHB **LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**


THE NEW HYUNDAI
pony
a new look all round
HD HYUNDAI
MOTOR COMPANY
Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 25362

# Wirja ta' Hobbies organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u mill-Għaqda tal-Pensjonanti

Intervista ma' Lorry Muscat, wieħed mill-organizzaturi tal-Wirja ta' Hobbies li saret fil-Games Room, Police Social Club, bejn it-28/2/86 u 9/3/86.

Mistoqsija: X'ġagħalkom torganizzaw l-Wirja ta' Hobbies.

Tweġiba: Ngħidlek il-verità, jiena kollizzjonista filatelika u ili żmien nipparteċipa f'wirjiet organizzati mill-Posta ta' Malta, d-differenza hija li dawn il-wirjiet filateliċi jkunu kompetittivi u mhux l-ewwel darba li rbaħt xi premju.

Minn dawn il-kompetizzjonijiet twieldet f'moħħi l-ideja li għandha ssir wirja ta' hobbies iżda mhux kompetittiva, sempliċiment wieħed jesponi l-materjal tad-delizzju tiegħu lill-pubbliku.

Xi żmien ilu kont tkellimt ma' l-Awtorità tal-Pulizija, fejn urejthom ix-xewqa tiegħi biex l-Għaqda tagħna flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija norganizzaw wirja fil-Games Room, fil-Police Social Club, l-Awtorità mill-ewwel laqgħu x-xewqa tiegħi u tawni l-approvazzjoni tagħhom.

Din kienet deċiżjoni tajba li l-Għaqda tal-pulizija Pensjonanti u l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, organizzajna din il-wirja ta' hobbies flimkien. Nista' ngħid, li l-maġġoranza ta' l-anzjani tal-Korp, għandhom iħossuhom familjari mal-Korp, għax mhux għalkemm tinsa dak li għal 25 sena tkun ħdimt għalih u kull attività li tiġi organizzata aktar 'il quddiem żgur li ssaħħaħ l-għaqda bejn il-membri, bħal ma qal tajjeb il-Kummissarju fl-introduzzjoni tal-programm 'Wieħed jittama li din l-okkażjoni sservi ta' inkoraġġiment għall-futur biex naraw aktar attività li fiha l-membri jkunu jistgħu jissaħħu fl-għaqda bil-parteċipazzjoni tagħhom'.

Mistoqsija: X'għamilt wara li kellek l-approvazzjoni.

Tweġiba: Bħal ma għidlek qabel, din il-wirja minn dejjem kienet f'moħħi, għalhekk biex nilħaq l-iskop tiegħi avviċinajt xi membri tal-Korp li wiegħduni l-għajnuna tagħhom u huma stess offrewli li jesibixxu d-delizzji tagħhom f'din il-wirja, wara, lkoll flimkien u bl-għajnuna kbira li tawna l-Awtorità tal-Korp stinkajna u ħdima biex minn sempliċi xewqa ssir realtà.

Wieħed jista' jgħid li l-esibituri kollha jħossu dak is-sodisfazzjon li l-wirja rnexxiet b'suċċess, tant li minn tlett ijiem li oriġinarjament kellha ddum ġiet estiża għal għaxart ijiem, fejn ukoll ġie suġġerit li għandha tibda ssir darbtejn fis-sena. Nispiċċa biex ngħid, li l-organizzaturi qatt ma' ħasbu li l-oġġetti esibiti se jkunu ta' livel hekk għoli. Jiena ċert li din il-wirja se tkun ta' nkoraġġiment għal membri taż-żewġ għaqdiet biex jipparteċipaw f'wirjiet oħra.

Fl-opinjoni tiegħi kemm il-materjal esibit u kemm il-preżentazzjoni ta' l-esibituri kienu mill-aqwa u għalhekk għamluha possibbli li l-wirja rnexxit b'suċċess.



**Id-Deputat Kummissarju A. Mifsud Tomasi jippreżenta ċertifikat ta' l-okkażjoni lil wieħed mill-esibituri.**







**Fir-ritratti jidhru tlett sezzjonijiet tal-Wirja.**

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

**Wirja ta' "Hobbies'**

Bejn it-28 ta' Frar, 1986 u d-9 ta' Marzu, 1986 inżammet wirja ta' 'Hobbies' mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija flimkien mal-Għaqda tal-Pulizija Penzjonanti bil-parteċipazzjoni ta' membri miż-żewġ għaqdiet. Il-wirja nżammet komodatament fis-sala tal-logħob tal-Police Social Club.

Oriġinarjament, il-wirja kellha tinżamm miftuħa għal tlitt ijiem iżda fuq talba ta' bosta kif ukoll għall-fatt illi kien mistħoqq li tit-wal b'ġimgħa oħra – grazzi għad-dedikazzjoni tal-esibituri u l-faċilitajiet li jingħataw – minnufih ingħatatilna l-awtorità meħtieġa biex tibqa' miftuħa. L-esibituri, li kienu ħdax minn fost il-membri tal-korp, fosthom mara u erba' pensjonanti, organizzaw flimkien din il-wirja taħt il-patroċinju tal-Kummissarju tal-Pulizija.

L-Official Side tal-Pulizija apprezzat ix-xogħol kollu li sar u awtorizzat il-faċilitajiet kollha li kienu meħtieġa. B'dawn il-kelmtejn nixtiequ nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Deputat Kummissarju u lill-esibituri kollha, kif ukoll lill-isponsors li kellna.

Minn donazzjonijiet li saru matul il-wirja, nġabret is-somma ta' Lm48.17,3 li ġiet mgħoddija lid-Deputat Kummissarju għall-fond tal-vittmi sħabna f'tas-Sliema. Aktar dwar il-wirja taqraw f'naħa oħra f'din il-ħarġa.

**Il-kundizzjonijiet fil-ħabs**

Fost l-ilmenti li l-Assoċjazzjoni tirċievi mingħand il-membri tagħha, tirċievi dawk tal-membri 'seconded' fid-dipartiment tal-ħabs. Dawn l-ilmenti l-Assoċjazzjoni dejjem ressqithom lill-awtoritajiet. Fost oħrajn dawn jirrigwardjaw 'leave', it-time in lieu, il-ħinijiet tax-xogħol u tal-break.

Huwa ta' sodisfazzjon għalina li nkunu nafu li l-Gvern innomina lil Imħallef M. Caruana Curran biex jirrakkomanda titjieb fir-regolamenti li jikkonċernaw il-ħabs u l-impjegati. B'hekk wieħed jistenna li l-affarijiet jitjiebu għal kull settur fil-ħabs.

**Ir-reklutaġġ fil-Korp**

Matul ix-xahar ta' Marzu 1986 ġew ingaġġati diversi rekluti li aħna bi pjaċir nilqgħu biex naħdmu flimkien. Lir-rekluti l-ġodda nawgurawlhom suċċess fil-karriera tagħhom bħala Pulizija. Huma għandhom iżommu quddiem għajnejhom il-ħin kollu li s-suċċess tagħhom jiddependi minnhom infushom billi jfittxu kif jitgħallmu aktar kif jaqdu aħjar id-doveri tagħhom u jkunu leali lejn il-ġurament li ngħatalhom. Opportunitajiet ta' avvanz fid-dipartiment jeżistu minn żmien għal żmien, għalhekk wieħed għandu jkun ippreparat sewwa għas-siegħa tal-prova.

**Ir-rekluti u l-Assoċjazzjoni**

Kull rekluta sar membru tal-Assoċjazzjoni mal-ġurament, fejn qal ... nissuġġetta ruħi għall-Attijiet, Ordinanza, ordnijiet u regolamenti kollha...

L-iskopijiet tal-Assoċjazzjoni kif ukoll xi tgħid l-istess Ordinanza tal-Pulizija, kif ukoll xi regolamenti oħra se jiġu mfissra lilhom mill-Assoċjazzjoni stess waqt taħditiet li ġew awtorizzati mill-Kummissarju, kif inhi x-xewqa tal-Assoċjazzjoni.

Hawnhekk ta' min isemmi wkoll li r-rekluti qed jingħataw kors bażiku qasir, wara jaħdmu xogħol regulari biex jieħdu l-esperjenza, imbagħad jerġgħu jinġabru għal kors 'ad hoc' qabel l-eżami aħħari. Din is-sistema tiżgura li kull rekluta jkun ingħata opportunità ta' esperjenza tax-xogħol li żgur isservih ta' ġid għall-futur kif ukoll għal matul il-kors. Din is-sistema taqbel magħha l-Assoċjazzjoni mija fil-mija kif esprimiet ruħha f'rapport li kienet ħejjiet u għaddiet lill-Awtoritajiet tal-Pulizija dwar ir-reklutaġġ wara li ġiet mistiedna li tagħmel dan.

**L-eżamijiet ta' promozzjoni**

Bħalissa jinsabu għaddejjin diversi lezzjonijiet li qed jingħataw lil membri tal-Korp li għaddew mill-eżamijiet ta' promozzjoni għal Surġent jew Spettur. Lil dawn kollha nixtiequlhom kull suċċess aħħari filwaqt li ninkoraġġixxu l-oħrajn kollha biex iżommu ruħhom aġġornati fil-materji tal-eżamijiet biex ikunu għal-lest f'sejħiet oħra għall-eżami.

**Ir-ri introduzzjoni tal-'Extra Duty'**

Wieħed mill-punti li dwarhom qed nitolbu laqgħa mal-Prim Ministru huwa proprju l-'Extra Duty'.

Minn nhar it-15 ta' Marzu, 1986 reġgħet bdiet tinħadem l-'Extra Duty' minkejja li għadu jseħħ il-'ban' mill-Gvern fuq l-'overtime'. Mill-bidunett meta ġiet sospiża l-'Extra Duty', madwar tlitt snin ilu u qabel, l-Assoċjazzjoni dejjem tennet li l-'overtime' huwa distint mill-'Extra Duty' fid-dipartiment tal-Pulizija. Ix-xebh ma' l-'overtime' huwa l-'Compulsory Extra Duty'. Prinċipalment, ir-raġuni għal dan hija li l-'Extra Duty' iħallas għaliha t-terza persuna u mhux il-Gvern li qed jimpjega.

Din ir-ri introduzzjoni seħħet wara l-intervent tal-Kummissarju fuq talbiet tal-Assoċjazzjoni. Ta' dan, l-Assoċjazzjoni rringrazzjat lill-Kummissarju b'permezz ta' ittra mibgħuta fis-17 ta' Marzu 1986 u li fiha ġiet imtennija t-talba għall-ħlas dovut tal-'Extra Duty' maħduma qabel ġiet sospiża li tinkludi dik l-hekk imsejħa tal-'Identity Cards'.

Fid-19 ta' Marzu 1986, il-Kummissarju nforma lis-Segretarju tal-Assoċjazzjoni, li kien irċieva l-ittra tas-17 ta' Marzu kif ukoll li l-kwistjoni ta' l-'Extra Duty' li kienet inħadmet qed tkompli tiġi diskussa ma' l-Awtoritajiet konċernati. (Dawn iż-żewġ ittri qed jidhru wkoll f'din il-ħarġa.)

Iċ-ċirkularijiet li jirregolaw l-'Extra Duty' (G.H.Q. Cir. 29/80; 47/80; 55/80; 83/80; 36/81; u 37/81) għadhom jgħoddu. Fost oħrajn, dawn iċ-ċirkularijiet isemmu l-ħlas u s-siegħat li wieħed jista' jaħdem (75 siegħa – Ċir. 83/80). Dawn iċ-ċirkularijiet ġew miġbura f'ċirkulari waħda li għandha tiġi ppublikata fi żmien qasir.

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija


ASSOCJAZZJONI TAL - PULIZIJA

KUMITAT CENTRALI
KWARTIER GENERALI
TAL-PULIZIJA
FURJANA

Tajjeb li wieħed ifakkar li għall-finijiet tal-Ordinanza u allura tal-liġi, l-'Extra Duty' hija meqjusa xogħol u għal daqstant l-ordnijiet u r-regolamenti kollha dwar ix-xogħol tal-Pulizija jgħoddu wkoll għall-'Extra Duty'.

**Mil-laqgħat tal-Assoċjazzjoni**

Mill-aħħar ħarġa tal-Magażin, l-Assoċjazzjoni żammet diversi laqgħat li x-xogħol u l-iskopijiet tagħhom kienu jinkludu kif ġej. Kif semmejna fil-ħarġa ta' Jannar/Frar, għad hemm diversi punti li dwarhom l-Assoċjazzjoni kitbet lill-Awtoritajiet u għadhom pendenti, jiġifieri mingħajr risposta. Dawn jinkludu, il-laqgħa mal-Prim Ministru, it-talba biex jerġgħu jidhru r-ritratti tal-mejtin fil-magażin, l-allowances dovuti lill-Maltin stazzjonati f'Għawdex, id-drittijiet tad-dipendenti tal-membri tal-Korp li jmutu jew ikorru fuq ix-xogħol u t-talba għal ġurnata żejda 'off duty' fl-okkażjoni tal-anniversarju mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni.

Ma' dawn it-talbiet żdiedet oħra nhar is-7 ta' Frar, 1986 fejn l-Assoċjazzjoni talbiet biex tkun rappreżentata fil-'Welfare Committee'. Dan għaliex l-Assoċjazzjoni tħoss li peress li hu dover tagħha li tieħu ħsieb il-'Welfare' tal-Korp, tħoss ukoll li għaldaqstant għandu jkollha rappreżentanza fil-kumitat, li skond G.H.Q. Ċir. 2/86 dan ma jeżistix.

Dwar il-laqgħa mal-Prim Ministru, reġgħet ġiet imtennija t-talba b'permezz ta' 'reminder' mibgħut lill-Kummissarju nhar is-7 ta' Frar, 1986, iżda sakemm qed tiġi ppubblikata din il-ħarġa, ma ġejniex infurmati bi żviluppi.

F'waħda mil-laqgħat, il-kumitat ikkunsidra fit-tul u fil-fond u ddeċieda dwar suġġeriment ta' żieda fil-kontribuzzjoni ta' Lm3 kull tlitt xhur. Fid-19 ta' Marzu, 1986, l-Assoċjazzjoni rrispondiet bil-miktub dwar dan fis-sens illi ma tħossx li din il-kontribuzzjoni jistħoqqilha xi żieda għalissa u talbet li tingħata raġunijiet bil-miktub għaliex għandha tiżdied, meta u jekk din ikollha terġa' tiġi diskussa.

F'żewġ laqgħat li saru għas-Surġenti u Kuntistabblijiet ġie diskussa s-sistema dwar l-użu tat-trasport pubbliku. Dan seħħ wara li s-segretarju tal-Assoċjazzjoni ġie mistieden mill-'Official Side' biex jiddiskuti ma' uffiċjali oħra għolja tal-Korp dwar din is-sistema. Wara laqgħa ma' dawn l-uffiċċjali, is-segretarju laqgħa s-Central Committee tas-Surġenti u Kuntistabbli fejn iddiskutew u ssuġġerew diversi punti. F'dawn id-diskussjonijiet kien ta' bilfors meħtieġ li kollox jinkwadra ruħu f'dak li hemm stabbilit fl-'Estacode' dwar it-trasport. F'din il-laqgħa ġie deċiż li m'għandhiex tintalab l-awtorità biex wieħed

•Ikompli f'paġna 8

# IL-KAPPELLA TA' L-GĦASSA TAR-RABAT — GĦAWDEX


Waqt il-Quddiesa nhar id-Duluri

**Sewwa sew kif titla t-taraġ prinċipali ta' l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex, insibu kamra żgħir użata bħala kappella. F'din il-kappella insibu statwa sabiħa tal-Vara l-Kbira. Il-kurċifiss artistiku ta din l-istatwa nġieb minn Ruma qabel jew fl-1967. Infatti skond tabella li tinsab f'din il-kappella, l-Isqof Camilleri ta xi indulġenzi lil min jgħid xi talb quddiem dan il-kurċifiss. Ma dan il-kurċifiss insibu tlett statwi sbieħ tad-Duluri, San Ġwann l-Appostlu u tal-Madalena. Dawn huma xogħol ta l-istatwarju magħruf Għawdxi Wistin Camilleri u saru qabel l-aħħar gwerra dinjija, aktarx fit-tlettinijiet. Il-flus għal dawn l-istatwi nġabru minn membri tal-Pulizija stazzjonati f'Għawdex dawk iż-żmienijiet. Barra minn hekk din il-kappella hija armata b'dak kollu li tirrekjedi kappella. Fiha wkoll armar għal festi u armar li jintuża kuljum.**

**Ta' kull sena nhar il-festa tad-Duluri din il-kappella tiġi armata għal din l-okkażjoni. Issir ukoll quddiesa mill-Isqof għal membri tal-korp. Anki kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar issir quddiesa.**

**Skond informazzjoni miġbura mingħand ex membru tal-Korp stazzjonat f'Għawdex, F'Ħamis Ix-Xirka l-membri tal-Korp t'Għawdex kienu joħorġu jimmarċjaw flimkien mal-kappillan tagħhom jagħmlu l-visti lis-Seba' Knejjes.**

**Din il-kappella tinsab fi stat tajjeb.**

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

**By MARIO SCHEMBRI** — **PART 2**

Nevertheless the pioneering spirit led people like Roger Fenton (English) to take his horse-and-cart darkroom to photograph the Crimean war (1855). In America, the Irish Patrick Mathew Brady used a photographic buggy followed the civil war, over 7,000 of his collodion negs. In Paris Nadar, took collodion aerial photographs from a captive balloon.

Stereoscopic photography using daguerreotype had been produced since the late 1840's. Now albumen paper prints and albumen-on-glass transperancies from collodion negs. provided a system of bulk printing low cost stereopairs.

The 1860's brought the introduction of enlargers for collodion negatives. It provided a system of print copying from a glass neg. via light box fitted with a lens. Normally you need a 20 by 16 inch camera to produce a 20 by 16 inch print. The early enlargers like those of the American Woodward (1857) and Scotish Monchroven (1864) used the sun light reflected by a mirror through a hole in the darkroom wall. Due to the slowness of albumen papers, enlargers were normally used to prepare an enlarged collodion negative. Which would then be conventially printed by contact. It was lately that the enlarger came to use as we know it today.



**MATHEW B. BRADY 1823 – 1896.**




**DEVELOPMENT OF PHOTOGRAPHIC LENS DESIGN** – Simple lenses: 1. Wollaston Meniscus; 2. Achromatized Meniscus. (Early symmetrical designs); 3. Petzval lens; 4. Goerz Hypergon; 5. Liquid filled Panorama lens;6. Globe lens; 7. Rapid Rectilinear; 8. Ross Concentric; 9. Zeiss Protar; 10. Double Protar; 11. Goerz Dagor; Anastigmat lenses: 12. Original Cooke Triplet; 13. Aldis Anastigmat; 14. Zeiss Tessar; 15. Dallmeyer Pentac; 16. Leitz Hector; 17. Zeiss Sonnar f2.; 18. Zeiss Sonnar fl.5; 19. Cooke Series X. Modern High Speed symmetrical types: 20. Cooke Aviar; 21 Ross Homocentric; 22. Cooke Series O; 23. Warmisham fl.3; 24. Lee fl.0; 25. Zeiss Orthometar; 26. Zeiss Topogon wide angle; 27. Zeiss Orthometar; 28. Telephoto attachments for normal camera lenses; 29. Zeiss telephoto; 30. Dalmeyer Adon; 31. Busch Bistelar; 32. Booth telephoto; 33. Distortionless telephoto lens; 34. Inverted telephoto design; 35. Hill Cloud lens; 36. Watson variable focus zoom lens; Mirror lens systems: 37. Schmidt; 38 Bouwers and Maksutov; 39. Linfoot and Hawkins; Anamorphic system: 40. Brewster's prisms; Zoom lenses: 41. Busch Vario-Glankar; 42. Zoomar for 35mm. cameras; Aspheric lenses: 43. Elgeet Golden Navitar; 44. Yashido f0.519.

The limitations of the wet collodion itself gradually became intolerabe for location work. Various methods of preserving collodion were tried in order that it might be sensitised and processed at a time seperated from photography. All resulted in loss of speed. But by 1871 Dr. Dick Maddox suggested gelatine as a collodion substitute. Two years later, another Londoner, John Burgess began marketing bromide gelatine emulsion in bottles. The result was not very satisfactory owing to the presence of by products, such as pot. nitrate in the emulsion.

In the 1873, the Englishman Richard Kennett was selling washed pellichles or dried emulsion and ready prepared



**GASPAR FELIX tournachan (Nadar) 1820 – 1910.**

coated plates. It was not until 1878 that Charles Bennett published that keeping the emulsion at 90cFeh. from 4 to 7 days, produced a ripening which resulted increased speed. Emulsion speed allowed exposures as short as 1/25 th. second and shutters became a necessity.

As processing could be done at some other time by somebody else, the trade of photo-finishing become practical amateur photography greatly increased. Amateur photography evolved in such a great way that by 1883 hardly any photographer used collodion material.

## NEW IDEAS

•The freedom and speed of dry plates and expanding markets for photography encouraged new ideas in camera design. As cameras could now technically be used manually, manufacturers produced compact light weight equipment. Cameras could be loaded with 12 glass plates and mechanically designed to bring each plate in turn to the focal plane. Many 'detective' cameras appeard-small like objects (toys) desquised as parcels, opera glasses, walking sticks etc...

In 1888, an ex-New York bank clerk (born just outside London, England) George Eastman produced a new camera. He was looking for a name for his new camera. So he invented a strange name which starts with a heavy letter and ends with the same heavy fonetical letter, and it was arranged in such a way that it could always be remembered. He was after a new, strange but simple name. Eastman put out this camera, he named it Kodak. This new camera the Kodak No. 1, was aimed for people who were not interested in loading plate holders, operating complicated cameras or processing the actual film. For only 25 dollars it was a simple box containing a roll of sentised paper 20 ft x 2¾ ins. enough to make 100 circular negative each 2½ ins. diam.

The f.9 lens was fixed focus and the camera had an instantaneous shutter, pressing a button made the exposure, winding a key transported the sensitive material. It was as simple as that. When the 100th. picture had been taken the camera was sent back to Eastman's factory at Rockester.

The paper roll was cut into stripe, processed and the emulsion stripped off on a transport support. Prints were then made from all usable, negs, pasted onto little mounts and returned with the re-loaded camera, all for 10 dollars.

## ROLL FILM

By 1889, the paper roll was replaced by roll film on nitro-cellulose base and 6 years later the film was rolled in a length of backing paper to allow daylight re-loading.

The roll-film was invented by the Father Rev. H. Goodwin, a N. Jersey, Roman Catholic padre in 1887. Today films are of Polyester (plastic based).



**GEORGE EASTMAN 1854 – 1952**

Eastman's slogan 'You press the button, we do the rest' rang round the world. For many years he had a monopoly of roll-film and with it roll-film cameras. The Kodak camera changed the whole character of amateur photography from a process for the initiated few to snapshotting for the millions.



**An early instrument to photograph motion.**

Thomas Edison (American), who was working on an instrument to photograph motion, approached Eastman in 1889 for a suitable new flexible film. The 2¾ inch Kodak roll-film was slit down the centre making it 35mm. wide. Edison made the transport perforations at each edge. Later this become an international standard for motion pictures. Then in 1924, Oscar Barnack (German) an employee with E. Leitz, designed a camera for the use with microscopes and using motion picture film. This was later marketed by his company as the first 35mm. camera. The Leica camera.

Other improvements to materials include the extention of colour sensitivity from Blue to Orthchromatic (1885) and Panchromatic (1904) by the German doctor H. Vogel.

Vogel's sensitising dyes were a starting point for practical system of colour photography. Bear in mind also the improvement in lenses such as Rudolf's 1889 Anastigmat lens.

Eastman enjoyed enormous financial success of his camera system in the form of research and development laboratories. These in turn gave way to many new material, like the first practical colour tripack film 'KodaChrome' in 1935.

The 19th. century church in Germany made news when due to a lack of photographic or chemistry knowledge, it condemned all photographic processes and termed it as the work of the devil. It tried to influence the catholic world, including the vatican. Then a catholic priest who took some interest in chemistry, found out that there was nothing satanic about photography.

The scnadalised reaction of that German newspaper to the invention of the Daguerreotype seems very curious now, in the light of the benefits that photography has brought to the world. This is how the editorial ended: 'Is it possible that God should have abandoned His eternal principles, and allowed a Frenchman in Paris to give the world an invention of the Devil... If this thing were at all possible, then something similar would have been done a long time ago in antiquity by men like Archimedes or Moses. But if these wise men knew nothing of mirror pictures made permanent, then one can straightaway call the Frenchman Daguerre, who boasts of such unheard of things, the fool of fools.

The 19th. century began with Wedgwood's primitive, unfixed photograms, it ended with Black and White photography in a state of development not far short of today.

The question of who discovered photography is unresolved and in retrospect unimportant.

## PHOTOGRAPHY IN MALTA

The British Forces introduced photography in Malta for the first time. But it was reserved only for security Matters and off course reconnaissance. By the 1850's the Naval and Army authorities had their own photographers and the majority if not all of them were servicemen. No local Maltese personnel were employed as photographers as yet.

But the year 1850/60's, the first photographic studio run by a civilian was that of Giuseppe Lorenzo Formosa, of 66, Old Bakery Street, Valletta. Seven major photographers operating full time, had their studios, most of them at Valletta:

Emanuel Borg, of 21, St. John's Street, Valletta.

Saverio Preziosi Ciantar, of 'London Studio', 133, Strada Teatro, Valletta.

Orazio Agius, 123, Strada Sta. Margerita and 14, Strada Cospicua, Cospicua.

Richard Ellis, of 43, Strata Stretta, Valletta.

Augustine Felice, of 56, Strada Stretta, Valletta.

Alessandro Caurana, of 41, Strada Stretta, Valletta.

H.J. Davison, of 'La Valette Studio', 57, Strada Reale, Valletta.

Most of the local photographic establishments in the island used Daguerre type cameras and Calotype, Collodian and Ambrotype methods for their processings.

More photographic studios were opened all over the major cities, towns and big villages, and by the early 20th. Century, photography in Malta became more popular.

## MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

•minn paġna 5

juża l-karozza privata tiegħu bi ħlas għal qadi tad-dmirijiet waqt il-ħin tax-xogħol. Dan għal diversi raġunijiet ovvji.

Il-kumitat issuġġerixxa li preferibilment għandu jkun hemm it-trasport tad-dipartiment għall-użu waqt ix-xogħol kif ukoll li l-użu tat-trasport publiku jkun bla ħlas kif kien qabel ġiet mibdula s-sistema fl-1980.

Fl-aħħarnett ġie deċiż u rakkomandat li jekk is-sistema preżenti tat-'Travelling Expences' għandha tibqa', i) it-talbiet għandhom jiġu ppreżentati għall-ħlas fejn hu prattikabbli kmieni kemm jista' jkun; ii) illi ma jsirx ħlas għall-vjaġġ mid-dar għax-xogħol u/jew lura ħlief għall-Qorti meta tkun 'Off' jew bil-'Leave' kif ukoll għall-Qorti meta jkun filgħodu u wara nofsinhar fl-istess jum; iii) għandu jsir ħlas meta wieħed ikollu jivjaġġa fuq xi xogħol f'post ieħor differenti mill-post fejn ikun **iddettaljat** għax-xogħol (mhux stazzjonat).

Wara dawn iż-żewġ laqgħat is-Segretarju ppreżenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni f'laqgħa oħra ma' l-uffiċjali maħtura apposta. F'isem l-Assoċjazzjoni talab ukoll li materji bħal din li jolqtu l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll il-'Welfare' tal-korp, għandhom ikomplu jiġu diskussi ma' l-Assoċjazzjoni kif inhi x-xewqa tagħha.

### Konsultazzjonijiet dwar materji ta' importanza

Minkejja l-fatt li l-Assoċjazzjoni dejjem uriet ix-xewqa tagħha li tiġi kkonsultata dwar materji li jolqtu l-'Welfare', l-effiċjenza jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol, dan mhux dejjem qed isir. Nhar l-14 ta' April, 1986 ġiet ippublikata ċirkulari 32/86 dwar skema ta' Insurance għall-membri tal-Korp. Minnufih, diversi membri avviċinaw lis-segretarju jew lill-president għal aktar informazzjoni dwar l-iskema.

Ovjament dan juri li affarijiet bħal dawn il-membri jħossu u jippretendu li l-Assoċjazzjoni tkun taf dwarhom tant li javviċinawha bid-diffikultajiet tagħhom. Dan jikkonferma kemm hu neċessarju li l-Assoċjazzjoni tieħu sehem f'diskussjonijiet dwar materji ta' din ix-xorta. Sfortunatament, il-membri li kellhom xi diffikulta ma setgħux isibu risposta mingħand l-Assoċjazzjoni għas-sempliċi raġuni li hija ma ġietx avviċinata dwar l-iskema. Imbagħad beda jiġri li ħafna rrispondew 'Not interested' għax kienu f'diffikulta u mhux bilfors għax veru ma kienux interessati. Dwar dan l-Assoċjazzjoni kitbet minnufih lill-'Official Side' għal xi struzzjonijiet. L-Assoċjazzjoni ma tistax ma taqbilx mal-prinċipju ta' skema bħal din iżda tista' tapprova sistema wara li tkun konvinta dwar il-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mill-membri tal-Korp, b'permezz ta' diskussjonijiet biex tiġi megħluba kull diffikulta dwar l-iskema.

## TAKE A TIP FROM THE TURTLE




ZIPWAX IS THE ORIGINAL ALL IN ONE, WASH AND WAX.
ZIPWAX SIMPLY FLOATS AWAY DIRT AND GRIME, LEAVING A PROTECTIVE TURTLE WAX SHINE.
SO, REMEMBER USE ZIPWAX.
YOU WASH, IT SHINES.

turtle wax®
LEADING THE WORLD IN CAR CARE

## TAKE A TIP FROM THE TURTLE




IT'S EASY TO SEE WHY TURTLE WAX 'SUPER HARD SHELL' IS THE WORLD'S No.1 SHINE.
IT OUT LASTS ALL OTHER LEADING CAR WAXES AND POLYMER SEALANTS.
INDEPENDENT TESTS HAVE PROVED THAT IT'S THE BEST ALL ROUND PROTECTOR AGAINST SUNLIGHT, DETERGENTS, SALT AND ACID RAIN.

turtle wax®
LEADING THE WORLD IN CAR CARE

TRADE ENQUIRIES—**TEL: 626232**

# SAVE 65% DUTY ON ALL GRANITE PRODUCTS

**KITCHEN TOPS—FLOORING—SKIRTING—TABLE TOPS**
**STAIRS—FACADES—SHOP FRONTS, etc**

WE ARE MALTA'S ONLY FACTORY WITH THE MACHINERY AND EXPERTISE TO POLISH OUR OWN **GRANITE.**

OUR **GRANITE** IS IMPORTED FROM ALL OVER THE WORLD UNPOLISHED. THEREBY **SAVING 65% DUTY.** WHICH WE PASS ON TO YOU!

LARGE SELECTION OF COLOURS

★ FRESS ESTIMATES ★ FREE TRANSPORT IF NECESSARY

***See also our wide selection of imported marble at MALTA'S KEENEST PRICES***

**PHONE: 820202 or 826188**
**MONDAY to FRIDAY: 8 a.m.-5 p.m.**
**SATURDAY: 8 a.m.-12 noon**

mm
MARBLES LIMITED

FACTORY
AND
VALLETTA ROAD,
MQABBA, MALTA

# CHARLES BUTCHER

## 2 BISAZZA STREET — SLIEMA

**TELEPHONE 334535 - 330635**

IMPORTERS OF:

MILK FED DUTCH VEAL □ BEEF
NEW ZEALAND LAMB □ GAME & POULTRY
BUTTER □ GAMMONS □ PARMA HAM
BONELESS MUTTON □ BONELESS LAMB
FROZEN FISH □ SALMON □ PRAWNS
FROG LEGS □ FRESH BEEF & PORK
DOVER SOLES □ TROUT □ HALIBUT
FROZEN BEEF □ FROZEN VEGETABLES

# *P.J.C. Jewellers Ltd*

## *27 Villegaignon Street — Mdina*

GOLD-SILVER

FILIGREE AND GIFTS
FOR ALL OCCASIONS




**TEL. 676009**

# Police questioning — over a glass of Cognac

A very recent sentence[1] delivered by the Court of Magistrates of Judicial Police for the Island of Malta has raised many legal and uniformed eyebrows. Not because the accused was acquitted – that often happens; nor because the Court came to the conclusion that accused's confession was extorted by a promise of favour[2] – even Magistrates are entitled to their opinions on questions of fact. What is, to say the least, odd, is that the Court, in its sentence, stated (undoubtedly **obiter**) that it (i.e. the Court) was worried by the prevailing practice of interrogating suspects only in the office of the investigating police officer, even when the suspect is neither a "notorious criminal" nor a person caught **in flagrante delicto;** the Court suggested that such questioning can take place in the suspect's own office or at his place of work or, indeed, at his residence. Moreover the Court seemed to doubt the propriety of the presence of more than two police officers at the questioning and of the suspect waiting for any length of time in the "ante-chamber" before being questioned[3].

It is submitted that these **dicta** cannot be taken as being anything even approaching a proper exposition of law.

A suspect is questioned at a police station for the obvious reason that he is, in most cases, under arrest. If he were not under arrest he would not be obliged to follow the arresting officer (usually a constable or sergeant) to the station, he would be at liberty to leave the station at any time, and then the investigating officer would have to go chasing after the said suspect for the privilege of a tête-à-tête over a cup of coffee or a glass of cognac. So, the real issue is not the **place of interrogation** but the **power of arrest.**

Section 359 of the Criminal Code is quite clear. The police may arrest "any person who has committed, or is suspected[4] of having committed any crime punishable with imprisonment, with the exception of the crimes punishable under the Press Act, 1974". The law does not distinguish between notorious and less distinguished criminals; such distinctions are obviously odious, and may lead to the suggestion that criminals or suspects should be afforded different treatment by the police on the basis of their criminal record. Nor does s.359 distinguish between persons caught **in flagrante** and those caught otherwise than **in flagrante**[5]. And, in any case, a person caught **in flagrante** hardly qualifies any longer as a "suspect"!

Arrests in accordance with s.395 are effected by the police in furtherance of their various duties as summarised in s.358. In January of 1981, the Royal Commission on Criminal Procedure, under the chairmanship of Sir Cyril Philips, published its report[6] which deals with, among other topics, the investigative powers of the police. Paragraphs 3.65 to 3.67 of the said report, although referring to the position in English law, are applicable in large measure also to our law:

**3.65 Such rationale as may by perceived in the existing powers of arrest seems to us to be broadly as follows. The ultimate purpose of arrest is to bring before a court for trial a person who commits a criminal offence or is reasonably suspected of so doing. But because arrest deprives the citizen of his liberty its use is to be restricted generally to offences that carry the penalty of imprisonment (there are some exceptions in the case of offences of causing a public nuisance, for example being drunk and incapable) and to persons against whom the summons procedure will not be effective. Arrest may also be used to prevent or terminate the commission of an offence. The general power of arrest without warrant is further restricted to more serious offences.**

**3.66 The period of detention upon arrest may be used for certain purposes, and the power of arrest is also related to these. Indeed the purposes for which the existing powers of arrest are used in practice can be put in the following terms. It may be used to prevent the suspect destroying evidence or interfering with witnesses or warning accomplices who have not yet been arrested. Where there is good reason to suspect a repetition of the offence, especially but not exclusively offences of violence, it may be used to stop such an occurance. Finally, the criterion of having reasonable grounds for suspicion sufficient to justify arrest is not necessarily sufficient to justify a charge; hearsay evidence, for example, may be sufficient grounds for reasonable suspicion, but it is not sufficient for a person to be charged, since it will not be admissible as evidence at trial. Accordingly, the period of detention may be used to dispel or confirm that reasonable suspicion by questioning the suspect or seeking further material evidence with his assistance. This has not always been the law or practice but now seems to be well established as one of the primary purposes of detention upon arrest.**

**3.67 The point is clearly made by Lord Devil in the case of Shaaban Bin Hussein v. Chong Fook Kam[7]. " 'Reasonable cause' is a lower standard than information sufficient to prove a prima facie case. Reasonable cause may take into account matters that could not be put into evidence at all or matters which, although admissible, would not on their own prove the case. The circumstances of the case should be such that a reasonable man acting without passion or prejudice would fairly have suspected the person of having committed the offence. It is important that hasty or ill-advised police action should be avoided. If on the other hand the police hesitate too long to arrest a person when they have**

# Police questioning — over a glass of Cognac

**proper and sufficient ground for suspicion against him, they may lose the opportunity of arresting him or may enable him to destroy evidence ... Suspicion arises at or near the starting point of an investigation of which the obtaining of prima facie proof is the end. Suspicion can take into account matters that could not be put in evidence at all."**

Since the Royal Commission Report was published the House of Lords has added yet another purpose for which arrest (upon reasonable suspicion) may be resorted to, namely the likelihood that the suspect will respond more truthfully if questioned at a police station than if questioned at his home[8]. In the words of Lord Diplock:

> **Was it a matter that Detective Constable Offin should have excluded from his consideration, as irrelevant to the exercise of his statutory power of arrest, that there was a greater likelihood (as he believed) that the appellant would respond truthfully to questions about her connection with or knowledge of the burglary, if she were questioned under arrest at the police station, than if, without arresting her, questions were put to her by Det. Con. Offin at her own home from which she could peremptorily order him to depart at any moment...?**[9]

All five Law Lords concurred in holding that it was **not** an irrelevant or extraneous consideration for the purposes of arrest.

It follows therefore that the "stress and pressure" inherent in the fact of arrest and deprivation of liberty cannot **per se** be invoked as a ground for impugning the validity (i.e. admissibility) of a confession by the accused. To hold otherwise would amount to a complete negation of s.359. In this context it is pertinent to recall the English case **R. v. Rennie**[10] which is authority for the proposition that a self-generated or self-induced hope of an early release from custody, even if it occurs in the course, or as a result, of firm but otherwise proper police questioning, does not render a confession inadmissible. In delivering judgement in **Rennie,** Lord Chief Justice Lane had this to say:

The U.S. Public Health Service's Acting Assistant Secretary of Health, Dr. James Mason, emphasized at a recent press briefing that the AIDS virus is extremely difficult to catch and doesn't spread easily – not nearly so easily as, for example, tuberculosis, which can be borne on a cough; or cholera, spread by sewage-contaminated water, or malaria, contracted from the bite of a mosquito. For the average individual who is not homosexual and who doesn't take drugs intravenously, the chance of contracting AIDS is less than one in a million. (The chance of dying in an automobile accident is about one in 5,000.)

Researchers believe AIDS is caused by a virus called Human T-cell Lymphotroci Virus, or HTLV-3. It's a retrovirus, a type of virus that stores its genetic information in a chemical called ribonucleic acid, or RNA. Almost every other organism, from virus to mammals, stores its genetic information in deoxyribonucleic acid, or DNA.

A special protein on the surface of HTLV-3 allows the vrisu to attach itself and penetrate helper T-cells (T-4 Lymphocytes), a master control cell in the body's immune system. When it enters a T-cell, the RNA-based retrovirus uses an enzyme information into the more standard DNA. The integrated virus eventually commandeers the cell's reproductive machinery to replicate its own genes. AIDS virus particles then emerge from the host cell and go on to infect new cells.

"If you wanted to destroy the immune system with a minimum of work, you would design HTLV-3," said Dr. Samuel Broder, Deputy Clinical Directory at the National Cancer Institute. "If you damage the regulatory capacity of the T-cells, other cells (in the immune system) become lost."

Researchers believe the AIDS virus first infected man about 20 years ago, and is perhaps an evolutionary descendant of a virus that has existed in monkeys for as many as 50,000 years. How the virus got from monkey to man remains unknown, although other viruses have crossed the species line before.

U.S. Researchers report that a better understanding of the virus is helping scientists design drugs to interfere with its survival and, ultimately, a vaccine that would protect those not yet exposed. But they add that it won't be an easy task, since no other infectious disease in history, not even the plague or polio, specifically targeted the body's immune system. They warn that no vaccine or cure is likely for several years.

"What we're trying to do is something that hasn't been done before," said Dr. Mason. "That's to produce a chemical that won't kill people or hurt them, but will totally destroy a virus that is so potent that once it enters the cell it can link itself with a person's genetic material, so that they're indistinguisable."

Dr. Mason said that, through advances in molecular biology, researchers have been able to identify virus-specific component against which chemical agents could be directed without harming the cell. He noted that there are only two drugs on the market today to combat viruses, neither of which eliminates the virus. One antiviral drug, used against influenza, simply holds the virus in check until the immune system can produce antibodies to destroy it.

"The other antiviral agent, Acyclovir for genital herpes infection, has come about through serendipity, but the potential for targeting antiviral development exists," he said.

In the case of the AIDS virus, Dr. Mason said foru antiviral substances have received investigational new drug approval and are being tested in patients in the United States. These include Suramin a popular drug used to treat parasitic diseases like African sleeping sickness; Ribavirin, a flue drug used in more than 70 countries; HPA-23, a mineral compound used in France to treat about 50 patients; and Azidothumidine, a new, unusually potent antiviral drug.

The director of the National Institute of Allergy and Infectious diseases, Dr. Anthony Fauci, said that one of the most promising drugs, Suramin, has been used to suppress the AIDS virus by preventing it from producing the enzyme reverse transcriptase, which it needs to reproduce and infect other white blue cells.

"But during our studies the pateints showed no signs of clinical improvement while taking the drug – in other words, they did not get better," Dr. Fauci said. "That may seem like a negative result, but we have shown now that you can block the virus."

Dr. Fauci said the most effective treatment for AIDS will probably result from the comhination of an antiviral drug such as Suramin and another therapy that attempts to restore the body's damaged immune system. He said a number of substances that are known to increase the body's supply of certain critical immune cells are now undergoing clinical tests at hospitals around the country. These include such drugs as Interferon and Interleukin-2 – proteins found in the white blood cells of health people.

# Legal Notes by Dr. Vincent A. De Gaetano

## LL.D., Dip. CRIM (CANTAB)

Accomplice as witness for the prosecution – stage at which, and purpose for which, his statements made to the police may be produced as evidence.

Zammit was indicted on charges of bribery, extortion, malversation by a public officer and fraud. In the list of witnesses and documents he intended to make use of at the trial, accused indicated all the statements made by prosecution witnesses to the police. The Attorney General pleaded, **in limine**, the inadmissibility of these statements. THe Criminal Court upheld the plea except in respect of the statements made by Michael Debono; the Criminal Court held that since Michael Debono was to be regarded as an accomplice and was giving evidence following a free pardon conferred by proclamation of the President of the Republic, he was to be regarded as a "suspect witness" and therefore his statements made to the police were admissible as evidence. The Attonery General appealed. The Court of Criminal Apeal, allowing the appeal, held that –

1. a witness who was also an accomplice was different from other witnesses only in so far as his evidence required sufficient corroboration by other circumstances for the conviction of the accused if such accomplice was the only witness against the accused (s. 635(3) of the Criminal Code);

2. the only evidence which the jury is to consider is that given on oath in Court; however the credit of a witness may be impeached by the party against whom he is called by evidence that he had at other times made statements inconsistent with his testimony; and a party producing a witness may contradict him by other evidence and may also show that he had at other times made statements inconsistent with his testimony before the jury (s. 641 of the Criminal Code and ss. 583, 584 and 585 of the Code of Organization and Civil Procedure);

3. a court should not pronounce itself **in vacuo** on a purely hypothetical question; it was up to the trial court to decide, during the hearing of evidence or after hearing the evidence, whether to allow the production of any document for the purpose of contradicting a witness or of impeaching his credit.

**The Republic v. Afred Zammit**
Court of Criminal Appeal, 11 October 1985.

## AIDS VIRUS

U.S. scientists are also investigating the role of bone marrow transplants in boosting the body's defenses against AIDS. Early studies involving identical twins have shwon that bone marrow transplantation can provide the AIDS patient with an instant source of immune cells.

A group of French doctors say they have succeeded in "dramatically slowing" the development of AIDS by using an immuno-depressive drug called Cyclosporine, commonly given to prevent rejection of transplanted organs. They stress that the treatment does not represent a cure, but may allow for long-term maintenance of AIDS-stricken patients.

Researchers report that the discovery of a vaccine against AIDs doesn't appear to be likely for another five years. Dr. Gauci said that researchers are still puzzled about exactly what protects the body against the AIDS virus – knowledge that may be the crucial step in obtaining an effective vaccine. Another obstacle to developing a vaccine lies in the ability of a virus to change its genetic structure, which, in turn, changes the virus' protein coat that would be targeted by a vaccine.

Some estimates suggest that the mutation rate for AIDS viruses is 100 to 1,000 times higher than for influenza, but scientists are looking for a portion of the protein coat that does not change. If such a stable portion can be found, then it could be used to create a vaccine that would be effective against all strains of the virus.

There is also mounting evidence that the fatal disease can attack a victim's brain as well as his immune defense system. According to doctor's estimates, at least 30 percent of AIDS show symptoms of brain disease or damage to the spinal cord, resulting in Dementia, memory loss and other mental illnesses. Wheter the AIDS virus kills cells other than T-4 Lymphocytes in brain disease cases is still not known.

Dr. Fauci said recently that it was conceivable "that the many faceted neuropsychiatric symptoms of many AIDS patients are related to the fact that this virus can infiltrate and infect central nervous system tissue."

On the positive side, a new antibody test has been developed to protect blood supplies from transmission of the AIDS virus. U.S. doctors report that the blood supply is safer now than ever before and that the problem of blood-transfusion AIDS, for the most part, is over. Nearly 200 people, or about two percent of the total cases of AIDS reported in the United States since 1981, had contracted the deadly disease following transfusions with blood or blood products.

AIDS was first reported in the United States in mid-1981. Since that time, the U.S. Government's centers for disease control has received reports of more than 14, 700 cases, about 51 per cent of which have resulted in death. More than 90 per cent of the cases reported have been among homosexual and bisexual men, persons who inject illicit drugs, and persons who have had transfusions with blood and blood products. Only one percent of the total cases appear to have resulted from heterosexual contact, and that percentage has not changed for several years.




**GOULASH – STEWED BEEF IN MUSHROOM SAUCE – 300 grs.**

Sole Agent:

**J. CACHIA CARUANA LTD.**

**46, CHURCH WHARF,**
**MARSA.**

**Telephone numbers: 20784, 607976**






Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 25287, 607707

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

## UFFIĊĊJU PRINĊIPALI

Għandna pjaċir inħabbru illi l-uffiċċju prinċipali ta' l-Għaqda fil-Police Social Club issa tlesta u beda jiffunzjona. Il-Kunsill qed jagħmel mill-aħjar biex dan l-uffiċċju jkun miftuħ matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu.

Peress li m'aħniex f'pożizzjoni li nħallsu nies biex inżommu l-uffiċċju miftuħ, il-Kunsill qiegħed jagħmel sejħa għal voluntieri biex joffru ftit mill-ħin liberu tagħhom billi jattendu f'dan l-uffiċċju li nixtiequ li jkun miftuħ kuljum (mit-Tnejn sas-Sibt) bejn id-9.30 u l-11.30 ta' fil-għodu. Dan għal kumdita ta' l-istess membri ta' l-Għaqda.

Min jista' jagħti sehemu għandu jċempel fil-ġranet u waqt il-ħinijiet fuq imsemmija fuq Telephone 27780.

## POLICE SOCIAL CLUB

Bħala nkorraġġiment lil pensjonanti u l-familji u l-ħbieb tagħhom saru arranġament biex il-prezzijiet fil-bar għal membri jitjiebu u jkunu kif ġej:

Te (Tea Pot) – 10c, Minierali – 10c, Whisky – 25c (grokk), Meals (3 course) – Lm1.70,0.

## GAMES ROOM

Nixtiequ navżaw lil pensjonanti kollha illi l-'Games Room' fil-Police Social Club issa se tkun miftuħa fil-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-uffiċċju ta' l-Għaqda. Dan biex dawk li jiffrekwentaw il-Club u l-uffiċċju jkollhom il-faċilità li jagħmlu użu minnha. F'din is-Sala spazjuża hemm American Pool, Darts, Chess, Draughts u logħob ieħor biex pensjonanti jkunu jistgħu jgħaddu ftit ħin ta' mistrieħ ma' sħabhom.

Inħeġġu lil membri tagħna li, flimkien mal-familji tagħhom, jagħmlu użu tajjeb minn dawn il-faċilitajiet li qegħdin nipprovdu.

## MARATONA TA' L-AMERICAN POOL

Wara s-suċċess miksub fl-ewwel proġett li fih l-Għaqda tagħna u l-Police Association ħadmu flimkien biex organizzaw l-Exhibition tal-Hobbies riċentement, ġie deċiż li ż-żewġ Għaqdiet flimkien jorganizzaw Maratona ta' 48 siegħa logħob kontinwu ta' l-American Pool.

Il-flus li jinġabru waqt din il-Maratona imur b'risq il-Fond tal-Pulizija għal vittmi ta' l-isplużjoni ta' bomba fl-Għassa tas-Sliema.

Kull min huwa nteressat li jieħu parti f'din il-Maratona għandu jasal wasla personalment fil-Club kuljum fil-għodu jew iċempel fuq Telephone 27780.

## LIBRERIJA

Kellna diversi appelli u suġġerimenti biex issa li għandna l-uffiċċju tagħna lest, norganizzaw ukoll librerija.

Nixtiequ navżaw illi issa għandna provdut 'Wall Unit' għal dan il-għan u diġà bdejna wkoll nirċievu xi kotba. Għalhekk qegħdin nappellaw lil pensjonanti li jista' għandhom xi kotba li mgħandhomx jagħmlu użu minnhom biex ġentilment iwassluhom lill-Kunsill biex il-librerija tkun tista' tibda tiffunzjona billi membri jkunu jistgħu jisselfu kotba li anke jkunu jistgħu jieħduhom fid-djar tagħhom.

## TOMBOLA

Nixtiequ navżaw lill-membri ta' l-Għaqda u l-familji tagħhom illi t-Tombola, li tant kienet popolari, dal-waqt terġa tibda ssir.

## SĦUBIJA

Is-Segretarju Finanzi jiġbed l-attenzjoni tal-membri illi peress li matul din is-sena, issir l-elezzjoni għal ħatra ta' Kunsill ġdid, il-membri li qegħdin lura fil-ħlas tas-sħubija għandhom jirregulaw ruħhom fil-ħlas kemm jista' jkun malajr.

## KORRISPONDENZA

Kull korrespondenza lill-għaqda għandha tiġi ndirizzata:

Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti St. James Complex, City Gate, Valletta.

ALFRED DEBASTTISTA,
P.R.O.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

F'dawn l-aħħar xhur għaddew għall-mistrieħ ta' dejjem

Ex: **PC 186 A. SOLLARS**
**PC 220 C. BUGEJA**
**SM 351 J. BUTTIGIEG**
**PS 56 A. CILIA**
**PC 246 V. MALLIA**

Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

TELEPHONE 41132-40111

CABLES: LIMESTONE

# Your taste is mine




*Collect the flaps for the collection.*

Milde Sorte, the favorite international light brand, and Miss Europe 1986 introduce the latest collection of famous Italian and German Designers.

*Collect the flaps for the collection.*

Each of the Milde Sorte-flaps has a value of 5 cents reduction on the Milde Sorte-Collection. Come to the Milde Sorte-Boutique, 132B Tower Rd., Sliema (opposite Fortizza).
Have a look at the fashionable new style of skirts, trousers and jackets, made of pure cotton and linen in exciting new colours. Due to the exclusivity we guarantee your individual outfit.

*See you at the Milde Sorte-Boutique*

# DUN GEJT MANNARINU

Minn
LORENZO ZAHRA

Billi fostna għad baqa' min jinterpreti l-ġrajjiet ta' l-imgħoddi bis-sentimenti tiegħu, għad baqa' tassew min għadu tant b'sentimenti kontra l-qassisin li ma jħallix waħda tgħaddi bla ma jlissen li jħoss kontra tagħhom. Forsi b'dan is-sentiment għad hawn min ipinġi lil Dun Gejt Mannarinu u sħabu bħala tradituri. Tradituri tgħid għax kien bis-suttana? Mela kull min ikun irid jeħles mill-ħakkiema jiġi dikjarat traditur?

Naraw mela jekk Dun Gejt u sħabu kienux tradituri. Il-poplu tagħna dejjem kien ġelus u lest għal sagrifiċċji biex jara l-pajjiżu meħlus mill-qlub ħżiena tal-barranin setgħana. L-istorja tgħallimna kif il-Maltin taw dehebhom biex f'dew il-gżira minn taħt Monroy. U l-memorja ta' din il-fidi ta gżiritna kienet għada ħajja fihom meta is-Sultan ta' Spanja ta rigal lill-Ordni, din il-gżira li kienet ġiet mifdija bi flus il-poplu Malti stess. U l-Gran Mastru meta rifes Malta — ħalef — quddiem il-bieb tal-Belt ta' l-Imdina li josserva u jħares id-drittijiet tal-Maltin. Kemm żamm kelmtu, forsi xi darba din tingħata teżi lil xi student u jkollna fiex nikkonfermaw sewwa.

## ĠURAMENT

Ma għaddewx għaxar snin minn dak il-ġurament ta' l-Isle Adam li ta warajh ma bagħatx lit-Tabib Mattew Callus fuq il-forka. U tafu għaliex? Għax ried li l-Gran Mastru jżomm kelmtu li b'ġurament iħares il-privileġġi u d-drittijiet tal-Maltin. Tgħid hawn min għandu kuraġġ jgħid li t-Tabib Mattew Callus kien traditur ukoll?

Mela naslu fis-sena 1770 u Malta kienet taħt il-Gvern ta Pinto. Dan dar għal fondi li kellha mġemma l-Università tal-Maltin. Ma kienx biżżejjed. Għolla l-ħajja u għamel xi taxxi. Kif miet Pinto, fil-pajjiż kien ġie hawn tensjoni u fl-1773 kien sar il-Gran Mastru Ximenes. Dan ħareġ bandu li ħadd ma seta jmur għal kaċċa tal-fenek. Il-fenek fi żmien bħal dan ma kienx jinqatal b'kapriċċ, imma għal ikel.

Biex tkompli tagħqad, ġew imnaqqsa xi salarji u spejjeż amministrattivi ġew ukoll imrażżna sew. Fil-pajjiż kien hemm il-ġarr u l-ilmenti tal-poplu sabu mezz li jitwasslu s-Santa Sede li l-Ordni tal-Kavallieri kienet lejha suġġetta. Billi kien hawn il-ġakbini, jwasslu kull min kien jilmenta kontra l-Ordni, kien hawn biża, terrur u firda bejn dawn favur l-Ordni u oħrajn favur il-kleru billi l-poplu kien jippretendi li jaqbżu għal drittijietu. (Ma kienx hawn deputati Maltin bħal lum). U f'Awissu 1774 fix-xatt ta' l-Isla ġara inċident fejn impjegat tal-Kurja ġie f'argument ma baħri taxxwieni, dan ittieħed fuq ix-xini u ġie msawwat. Meta l-Isqof fil-Palazz tal-Birgu sema', irrabja u bagħat jarresta lill-baħrin li sawtuh. U dawn ġew maqbuda u mitfugħa l-ħabs ta l-Isqo fil-Birgu stess li kien amness ma' l-istess Palazz tiegħu.

## AĠITAZZJONI

Iżda il-Kavallieri, bl-arja kollha fil-għaxija, marru l-Birgu, ħabtu għal Palazz ta' l-Isqof u ħarġu mill-ħabs lil ħatjin. Fil-Birgu kien hemm aġitazzjoni kbira li xterdet mat-tliet ibliet.

Meta l-kleru sama b'dan, sar malajr memorjal li ntbagħat lill-Isqof Pallerano iżda dan żammu hu, u pprova jikkalma l-poplu. L-Isqof allura mar Ruma biex jirrapporta, iżda minn hemm ma ġiex aktar. L-Ordni hekk ried li jwarrbu minn nofs ħalli ma jkollu ebda tfixkil f'dak li kien qed jagħmel fil-pajjiż — tajjeb jew ħażin. Hawn allura fl-assenza ta' l-Isqof, indaħal l-Inkwiżitur u talab lill-Kleru u poplu jobdu l-awtorità tal-Gran Mastru bħala l-awtorità u l-Gvern tal-pajjiż.

F'din l-arja hekk ta' aġitazzjoni kien bil-moħbi tħejja komplott biex fit-8 ta' Settembru 1775, meta l-Ordni tkun qed tfakkar il-festa tar-Rebħa ta' l-Assedju, żewġ gruppi ta' Maltin, sekulari u xi qassisin immexxija minn Dun Gejt Mannarino kellhom f'żewġ gruppi jaħbtu għal Forti Sant Elmo u l-Kavallier San Ġakbu (it-torri ta' quddiem Kastilja).

Hekk sar: U fil-ħin miftiehem ħatfu dawn il-fortijiet u daħlu biex hemm tniżżlet il-bandiera ta' l-Ordni u flokha ittellet dik ta' Malta. Kif il-Gran Mastru sema x'ġara, ordna l-passi meħtieġa biex jittieħdu lura u ġie mdaħħal il-Vigarju (fl-assenza ta' l-Isqof) Mons Gaetano Grech. Saru negozjati u waqt dawn in-negozjati, xi membri ta' l-Ordni fetħu in-nar. Il-Maltin wieġbu u intlaqat xi membru ta' l-Ordni. Intant, intlaħaq il-ftehim bil-kundizzjonijiet li 1) Il-Maltin jingħataw il-Privileġġi tagħhom; 2) Li jitraħħas il-ħobż; 3) u li l-ħatjin ikunu meħlusa għal kollox. B'danakollu, għalkemm intlaħaq dan il-ftehim, l-Ordni attakkat il-forti Sant Elmo bla tat iċ-ċans li jseħħ il-ftehim, u ħatfet il-forti. Wara intqal mill-Ordni li dan sar, għax il-Maltin kellhom il-provlista f'idejhom, biex jevitaw il-periklu. Ir-rapport li sar wara mill-Ordni stess, jgħid li kienu il-Maltin (ribelli) li kisru il-ftehim u għalhekk ħaqqhom li jiġu mgħallqa. (Is-soltu deċiżjoni ta' min ikun b'saħtu u fil-ħakma).

U fl-14 ta' Settembru, hekk malajr tlett Maltin jisimhom Mikiel Tonna, Klawdju Satarjano u l-kjeriku Baskal Balzan ġew maqtula bl-aktar mod barbaru — qatgħulhom rashom u dawn tpoġġew fuq antinjoli fuq is-sur tat-Torri San Ġakbu, eżatt wara dahru fejn illum hemm il-monument ta' Sir Paul Boffa. U l-irjus tħallew hemm żmien. Il-Maltin li kienu jgħaddu minn hemm inħallikom taħsbu x'kienu jħossu.

Il-Maltin però ma setgħux jgħidu l-iċken kumment kontra l-ħakkiema għax dawn kienu ripressivi u bla ħniena.

L-imħallfin ma riedux jiffirmaw l-eżekuzzjoni tagħhom, u għalhekk l-ordni ma kenitx għajr dik tal-Gran Mastru — għalkemm baqa' ma jidherx — l-Inkwiżitur u l-Isqof, ipprotestaw bil-qawwa kollha mal-Gran Mastru u nfurmaw b'dak li ġara lis-Santa Sede. B'danakollu l-Gran Mastru wkoll kiteb Ruma u minn hemm akkwista BOLLA biex seta' jgħaddi l-prosekuzzjoni anke jekk kien hemm membri tal-kleru f'din 'l hekk imsejħa rivolta.

# MA KONTX NAFHA, SIRT NAFHA, U QED NISTENNIHA... IL-MEWT!

Iva, ommi u missieri huma responsabbli ta' dan li ġej. Ta' dan huma jaħtu li ġabuni fid-dinja u ħadd iżjed.

Meta kont tarbija mimli innoċenza ma kont naf xejn xi tfisser ħajja u din hi ħaġa ovvja. Bdejt nikber, u kelli dawk is-sitta jew sebgħa snin. Kelli ħafna ħbieb ta' l-età tiegħi, li konna nilagħbu flimkien, imma l-aktar ħabib li kien viċin tiegħi, u saħansitra m'hiex l-ewwel darba li kien jiġi jilgħab miegħi d-dar, kien ċertu Pawlu. Jien u hu konna qisna aħwa, dejjem flimkien. Ftit li xejn, għaċ-ċokon li konna, konna nafu xi tfisser il-Mewt. Iżda ż-żmien jgħaddi bħar-riħ u sirna tfal imfarfra.



"...imma għaliex trid tifirdek mill-għeżież tiegħek?"

### FIRDA ETERNA

Darba fost l-oħrajn, niftakar, meta ommi qaltli li kien miet missier Pawlu, u dak il-ħin, bdejt nħoss xi ħaġa ta' dwejjaq għax issa bdejt nifhem xi tfisser il-Mewt. Sirt naf li l-Mewt hija firda eterna li m'hemmx ċans tiġi lura. Indunajt kemm kont iffortunat li jiena kien għad għandi l-missieri ħaj, fil-waqt li bdejt naħseb, li issa sieħbi ma kellux iżjed min jieħu ħsiebu u jwensu bħal ma kien għad baqgħali jien. Niftakar li għal xi mumenti inqbadt inħares lejn ritratt tat-tieġ ta' missieri. Iċċassajt lejh, u bla ma naf kif, id-dmugħ beda ħiereġ gelgul. Bdejt nibki u nitħassar fl-istess ħin il-sieħbi Pawlu, li issa safa' nieqes minn missieru li tant kien iħobb. Indunajt kemm kien importanti li jkollok il-ġenituri tiegħek ħajjin, jieħdu ħsiebek u jgħallmuk. Bdejt inġib quddiem għajnejja l-missieri jistinka u jaħdem bla heda biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum biex imantni lili u l-familja tiegħi.

Għalhekk, issa, sirt nafha l-Mewt. Sirt naf kemm hi kiefra u kattiva. Li l-Mewt ma taħfirx. Imma għaliex trid tifirdek mill-għeżież tiegħek? Għaliex m'għandiex rispett lejn ħadd, trabi, tfal, kbar u xjuħ? Lil kulħadd tkaxkar u tieħu. Kbirt mhux ħażin u sirt ġuvni bħal ħafna oħrajn. Tgħallimt iżjed affarijiet li lili għamluni matur, matur biżżejjed biex issa indunajt li minn ħin għal ħin kont qed nistenna l-Mewt. Li ili nistenniha mill-ewwel nifs ta' ħajti. Ħajja li għoġobhom jagħtuni ommi u missieri li tant għadhom iħobbuni.

**P.S. 500 L. MALLIA**

## Dun Gejt Mannarinu

•minn paġna 15

Kienu ħamsa l-Imħallfin nominati u fl-20 ta' Ottubru 1776 bdew il-proċeduri fil-Forti Sant Elmo. Sittax il-Malti kienu il-ħatja, erba qassisin li kienu Dun Gejt Mannarino, Dun Salv Sammut ta Ħaż-Żebbuġ, Dun Stiefnu Zarb u Dun Ġwann Bonanno. Kien hemm seba' kjeriċi u ħamsa sekulari lajċi. (Meta ngħidu kjeriċi rridu niftakru li f'dawn iż-żmienijiet bosta kienu li jkunu kjeriċi biex hekk ikunu biss suġġetti għal Veskovat, u fil-pajjiż igawdu ċerti drittijiet, bla ma qatt isiru qassisin.

Waqt li kien għadu sejjer il-proċess, il-Gran Mastru Ximenes laħqu Alla u ħadu fl-4 ta' Novembru 1776. Il-Maltin bagħaduh lil dan u hekk ukoll għamlu sħabu stess li mank lapida fuq qabru ma għamlu biex jiftakru fih.

U laħaq Rohan Gran Mastru. Dan kif sar ried jiddikjara l-ħelsien tal-Maltin, għax ammetta li l-Gran Mastru ta' qablu kien ta kelma fil-ftehim li l-ħatjin ikunu meħlusa, u ordna minnufih li jitneħħew l-irjus li sa dak in-nhar kienu għadhom fuq l-antinjoli esposti biex iwerwru lill-Maltin. Iżda billi ta' madwaru rieduh ikompli l-proċess ried li jkollu ir-rapport f'idejh. Dan sar fil-25 ta' Novembru.

Il-qassisin ingħataw sentenzi ta' ħabs għal għomorhom, fil-waqt li d-disa' l-oħrajn kienu eżiljati fi Sqallija. dan ġara 'il għaliex għalkemm il-Gran Mastru ried jeħlishom, ma tħalliex mis-Sultan ta' Napli, tant li dan anqas ħalla l-Isqof li jiġi lura Malta (naturalment biex ma jiddefendix aktar lill-Maltin).

Jekk din il-ġrajja turix xi atti ta tradituri jew le, inħalli f'idejkom. Iżda biex taqraw aktar nistedinkom taraw il-bibliografija li qed nuri hawn taħt ħalli tkunu tafu aktar dettalji, għax f'artiklu bi spazju limitat ma tistax tikteb fit-tul.

**BIBLIOGRAFIJA**

Librarija Publika – Misc 442. Laferla F Una Giustizzia Storica 1926. Panzavecchia F l-Ultimo periodo della Storia di Malta sotto l-Ordine 1833. Vassallo G.A. Storja di Malta. Rev Philip Callus DD.BA. The Rising of the Priests. Bibl. Pubblika MS 374 La Gebillione dei Preti. A.O.M. MS 6499 Rapporto dei Giuduci per il processo dei Ribelli.

ORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTSP
PORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTS
TSPORTSPORTSPORTSPOIRTS **minn Surġent R. Cilia**

Wara nuqqas ta' spazju f'din il-kolonna ta' l-isports u wara li tajtkom żewġ rapporti mportanti tar-rebħ tan-K.O. u l-Frank Ghio Cup mit-team tal-Pulizija ma kienx hemm spazju biex nagħtikom ir-riżultati u klassifika finali tal-League tat-Tieni Diviżjoni tal-Football għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali għas-sena 1985. Għalhekk illum sejjer nagħtikom dawn ir-riżultati u klassifika biex fil-ħarġiet li jmiss inkun nista' nibda nwasslilkom ir-rapport tal-parteċipazzjoni tat-team tal-football tal-Pulizija f'dan il-league għal din is-sena.



**Waħda mill-formazzjonijiet tagħna fl-istaġun 84/85.**

**Riżultat (1985)**

| | |
|---|---|
| Pulizija vs 2nd Reg A.F.M. (w/o għall-Pulizija) | 2-0 |
| E.M.W.D. vs M.A.F. | 1-3 |
| Ċentru Sportiv vs Eng. Inst. | 0-2 |
| Air Malta vs M'Xlokk P.P. | 2-3 |
| E.M.W.D. vs Eng. Inst. | 6-0 |
| Pulizija vs Ċentru Sportiv | 2-0 |
| M'Xlokk P.P. vs Eng. Inst. | 3-0 |
| Pulizija vs Air Malta | 1-1 |
| Pulizija vs E.M.W.D. | 0-0 |
| M.A.F. vs 2nd Reg. A.F.M. | 3-1 |
| Eng. Inst. vs 2nd Reg. A.F.M. | 0-1 |
| Pulizija vs M.A.F. | 1-0 |
| M'Xlokk P.P. vs E.M.W.D. | 3-1 |
| 2nd Reg. AFM. vs Ċ. Sportiv (w/o għas-2nd Reg AFM) | 2-0 |
| Eng. Inst. vs Air Malta | 0-5 |
| 2nd Reg. A.F.M. vs EMWD. | 3-2 |
| Eng. Inst. vs M.A.F. | 2-0 |
| Pulizija vs M'Xlokk P.P. | 0-3 |
| Ċentru Sportiv vs Air Malta | 0-2 |
| Air Malta vs 2nd Reg. AFM. | 6-0 |
| E.M.W.D. v Ċentru Sportiv | 4-1 |
| M.A.F. vs M'Xlokk P.P. | 1-1 |
| Pulizija vs Eng. Inst. | 0-0 |
| M'Xlokk PP vs 2nd Reg AFM | 4-1 |
| Ċentru Sportiv vs M.A.F. | 1-1 |
| Ċ. Sportvi vs M'Xlokk PP | 2-2 |
| Air Malta vs E.M.W.D. | 3-1 |

**KLASSIFIKA FINALI**

| | F | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M'Xlokk P.P. | 7 | 5 | 2 | 0 | 19 | 7 | 12 |
| Air Malta | 7 | 5 | 1 | 1 | 23 | 6 | 11 |
| PULIZIJA | 7 | 3 | 3 | 1 | 6 | 4 | 9 |
| M.A.F. | 7 | 2 | 2 | 3 | 9 | 11 | 6 |
| 2nd Reg. AFM | 7 | 3 | 0 | 4 | 8 | 17 | 6 |
| E.M.W.D. | 7 | 2 | 1 | 4 | 15 | 13 | 5 |
| Eng. Inst. | 7 | 2 | 1 | 4 | 4 | 15 | 5 |
| Ċentru Sportiv | 7 | 0 | 2 | 5 | 4 | 15 | 2 |

M'Xlokk Port Project, bi 12-il punt minn sebgħa logħbiet huma ċ-champions tat-Tieni Diviżjoni (bla megħluba) u ġew promossi għall-Ewwel Diviżjoni flimkien ma' l-Air Malta li bir-rebħa fuq il-M.A.F. (4-1) fl-aħħar logħba spiċċa fit-tieni post b'10 punti.

It-team taċ-Ċentru Sportiv li spiċċaw fl-aħħar post b'2 punti ġew relegati għat-tielet Diviżjoni.

It-team tal-E.M.W.D. u Engineering Instrument li spiċċaw b'5 punti kull wieħed ikun deċiż jekk xi ħadd minnhom jiġix ukoll relegat skond it-teamijiet li jibqgħu jiffurmaw parti fit-Tieni Diviżjoni l-istaġun ta' wara.

Kif tistgħu taraw it-teamijiet tal-Pulizija ġie fit-tielet post b'9 punti u falla l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni għal ftit.

# It-team tal-football tagħna mogħti tifħir

Il-Kumitat Organizzattiv tal-League tal-Football għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali ħareġ ktieb kommemorattiv għal-Istaġun 1984/85. Fil-bidu hemm żewġ messaġġi ta' l-okkażjoni mill-Ministru Hon. Lorry Sant Ministru ta' l-Isports u ieħor mis-Sur Carm Borg Chairman ta' dan il-League. F'dan il-ktieb hemm bijografija żgħir ta' kull team flimkien ma' ritratt. Hemm ukoll ir-riżultati kollha u klassifiki finali tat-Tieni Diviżjoni tal-league. Fil-paġna ddedikata għat-team tal-Pulizija, barra li hemm ritratt tat-team hemm storja żgħira li qiegħed inġib kif riprodotta bl-Ingliż:

"The strong Police team had a most successful season. Although failing to win promotion to the First Division, they finished the season on a top note when they were able to beat the First Division League Champions Health in the Knock-Out final.

They also started the new season in style by making it a double over Health, beating them again in this years's edition of the FRANK GHIO SHIELD on the 11.11.85.

PULIZIJA, as they are officially registered, finished in third place with 9 points, behind Kalafrana and Air Malta. Their only defeat was against the eventual winners Kalafrana. They drew with Engineers Inst. (0-0), Air Malta (1-1) and E.M.W.D. (0-0). Their three wins were against A.F.M. (2-0), Ċentru Sportiv (2-0) and M.A.F (1-0).

PULIZIJA are making a strong challenge for this years's Second Division title."

# TIP TOP FGURA



## OFFERS YOU A WIDE SELECTION

## OF EXERCISE EQUIPMENT




The new RIGHT GUARD® deodorant with the fresh, invigorating fragrance.

For real sporting bodies!

Sole Agents & Distributors: GEORGE BORG LTD., 26/2 Merchants Street, Valletta. Tel: 25441/2.



Coca-Cola
Where there is sport,
there is Coca-Cola.
Enjoy
Coca-Cola
TRADE MARK REGD

ORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTSP
PORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTS
TSPORTSPORTSPORTSPOIRTSPORTSPOR

# MARATONA TA' MALTA

L-ewwel Maratona ta' Malta ġiet organizzata mill-Malta Marathon Committee nhar il-Ħadd, 16 ta' Frar, 1986. Fil-Maratona ħadu sehem xejn inqas minn 109 atleta li mhux kollha rnexxielhom jispiċċaw id-distanza ta' 26 mil. Il-Maratona bdiet fid-9 ta' filgħodu minn Santa Luċija u għaddiet minn dawn il-pajjiżi: Żurrieq, Mqabba, Siġġiewi, Żebbuġ, Ta' Qali, Mosta, Birkirkara, Balzan, Attard, Fleur-de-Lys, Santa Venera, Ħamrun, Pietà, Msida, Ta' Xbiex, Gżira u spiċċat fix-Xatt Tas-Sliema.

Fost l-atleti, barra atleti barranin u l-aħjar atleti Maltin b'sodisfazzjon għal Korp tal-Pulizija kien hemm PC68 Joseph Mallia li rnexxielu jispiċċa l-Maratona f'ħin ta' 4:14.46 u spiċċa fis-76 post. Għalkemm ma ġiex minn ta' l-ewwel PC Mallia fl-età ta' 37 sena kien sodisfatt ferm bil-wirja tiegħu għaliex barra li rnexxielu jispiċċa l-Maratona din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu f'dan it-tip ta' sports. PC Mallia huwa magħruf sewwa fil-qasam sportiv u jifforma parti mit-team tal-football tal-Korp tal-Pulizija.

Meta ġie mistoqsi jikkummenta huwa qal li ma kienx jistenna li jispiċċa hekk frisk wara ġirja ta' 26 mil u għaldaqstant jinsab sodisfatt ħafna. Din għalih kienet esperjenza eċċezzjonali għalkemm ir-riħ effettwa ħafna lill-atleti kollha. Huwa kompla li wara li jagħmel perjodu ta' mistrieħ beħsiebu jerġa' jibda jittrenja ħalli għall-Maratona li jmiss ikun jista' jtejjeb il-ħin u l-pożizzjoni ta' din is-sena. Meta ġie mistoqsi dwar it-training li kien jagħmel PC Mallia qal li huwa beda jittrenja għal din il-Maratona xi tlett xhur biss qabel u kien jagħmel distanzi differenti bejn tlieta u erbgħa darbiet fil-ġimgħa.

Għall-kronika nixtieq ngħid li l-ewwel 10 atleti li spiċċawil-Maratona kienu dawn:- 1. Paul Pickup 2:27.48; 2. Ian Thompson 2:29.46; 3. Charles Portelli 2:32.50; 4. Terry Lonergan 2:33.52; 5. Gerald Marrinan 2:39.40; 6. Ron Hill 2:43.09; 7. Mario Hammett 2:45.35; 8. Henry A. Pritchard 2:49.57; 9. Steve Trew 2:53.55; 10. Andrew J. Waller 2:54.17.

Fl-aħħar nixtieq li niddedika din il-karikatura li qiegħed nippublika ma' din il-paġna lill-ħabib tagħna PC68 J. Mallia għad-dedikazzjoni u sagrifiċċju personali li għamel biex seta' jikkompeti fl-ewwel Maratona ta' Malta b'sodisfazzjon għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija.

PROSIT JOE U KEEP IT UP!



PC68 J. Mallia waqt il-bidu tal-Maratona.




**B'dedika lil ħabib tagħna PC68 J. Mallia.**

**Football Friendly**
**PULIZIJA.................4**
**SWISSAIR ................2**

Fit-30 ta' Jannar, 1986, it-team tal-Pulizija lagħab logħba friendly ma' team Svizzeru kompost minn impjegati tal-Kumpanija tal-ajru SWISSAIR. Il-partita li ntlagħbet fil-Marsa Sports Ground kienet ferm pjaċevoli fejn it-team ta' Swissair fetaħ l-iskor f'nofs l-ewwel taqsima. It-team tal-Pulizija għamel reazzjoni u għamel l-iskor 2-1 favur tiegħu sa l-ewwel taqsima b'żewġ goals ta' PC811 V. Busuttil u PC607 J. Camilleri.

Għat-tieni taqsima t-team tal-Pulizija kompla fejn ħalla fl-ewwel taqsima u żied żewġ goals oħra permezz ta' PC960 A. Scerri u goal ieħor ta' PC607 J. Camilleri biex fl-aħħar tal-partita t-team ta' SWISSAIR naqqas il-marġini b'goal opportunist.

Din il-logħba serviet ta' esperjenza tajba għat-team tal-Pulizija bi preparazzjoni għal-logħbiet li jmiss fil-league tal-Gvern u Korpi Parastatali fejn it-team tagħna lagħab waħda mill-isbaħ logħbiet tiegħu u li ma kienx għal għadd ta' saves tajba tal-goalkeeper ta' SWISSAIR l-iskor kien ikun akbar.

Ta' min isemmi li qabel il-logħba kull player tat-team tal-Pulizija ġie ppreżentat b'rigal mid-diriġenti tat-team ta' SWISSAIR.

## FOOTBALL F'GĦAWDEX

MINN E. BELLIA

•Wara li t-team tagħna kien lagħab diversi logħob ta' ħbiberija u anke rebaħ żewġ challenge Cups, ġie mpoġġi bħala t-team favorit li jirbaħ dan il-kampjonat bejn il-Korpi Parastatali u Dipartimenti tal-Gvern.

L-ewwel logħba li lagħab tal-kampjonat kienet kontra t-team medjokru tal-Inland Revenue, fejn it-team tagħna kien favorit nett li jirbaħ din il-logħba, iżda minħabba xi mpenji oħra tas-servizz it-team tagħna niżel għal-logħob b'diversi players nieqsa bħal PC610 Grima u PC214 M. Camilleri fejn anke lagħbna tul il-partita kollha player nieqes. Għalkemm tlifna bl-iskor ta' 2-1 kellna l-mumenti tagħna u kienu ħafna ċ-ċansijiet ta' goals li ġew moħlija banalment min PC854 Bonnici, u PC371 Mercieca. L-l-iskorer tat-team tagħna kien PC340 S. Mercieca. Kienet logħba li tlifna kontra dak li kien mistenni.

**vs Mid-Med Bank 0-2**

•It-tieni logħba tagħna kienet kontra t-team qawwi tal-MMB. Dan it-team ġie msaħħaħ minn meta lagħbna żewġ friendlies li fihom aħna konna rbaħna ż-żewġ inkontri. Huma intruduċew lil goalkeeper Gesmond Buttigieg (Vict. Hotspurs) Joe Bezzina (Vict. United) u William Portelli (C. Bosco Youths) li lkoll jaħdmu, Branches tal-MMB Malta.

F'din il-logħba t-team tagħna kien ferm sfortunat, li għalkemm kellu ħafna mil-logħob, sab lid-difiża u lill-goalkeeper tal-MMB sodi ħafna u kienu ħafna saves ta' l-istess Buttigieg li żammu lit-team tagħna li jiskorja. Meta rnexxielna ninfdu lid-difiża sibna l-lasta għal ħames darbiet tgħid le lit-team tagħna. Ta min isemmi wkoll li ż-żewġ goals li sofrejna kienu żbalji tal-goalkeeper tagħna PC868 P. Camilleri li fl-ewwel wieħed ħalla ix-shot ta' I.M. Busuttil jaħrablu għal ġox-xibka fil-waqt l-ieħor ħalla l-ballun jaqbżu minn tefa tal-goalkeeper oppost. Fl-aħħar mumenti tal-logħba l-players tagħna pprotestaw bl-aħrax għal penalty fuq foul fuq il-player tagħna PC567 T. Bajada. Kull min kien preżenti kienu tal-fehma li ma kienetx il-ġurnata tat-team tal-Pulizija.

## ŻEWĠ TELFIET ŻGĦAR... U ŻEWĠ REBĦIET KBAR!

**vs Telemalta Corp. 8-0**

•F'din il-logħba t-team tagħna deher li nesa ż-żewġ telfiet l-oħra u kien determinat li jakkwista rebħa tajba fuq dan it-team pjuttost medjokru. It-team tagħna fetaħ fuq l-offensiva u għal bidu tal-logħba sabuha ftit diffiċli li jinfed id-difiża tat-TeleMalta Iżda meta sabu l-ewwel goal il-logħba kienet storja waħda, u mhux għaċ-ċansijiet li tilef PC610 Grima l-iskor kien ikun ferm akbar. Il-goals tagħna ġew skorjati hekk PC567 (4) PC610, Grima (2), PC740 J. Agius, PC340 S. Mercieca goal kull wieħed.

**vs P.W.D. 7-5**

•Ir-raba' logħba kienet kontra t-team tal-PWD li jippossedi ħafna players li jilagħbu ma' diversi Clubs Għawdxin bħal G. Grech, M. Farrugia (Vict. U.), C. Attard, A. Sillato (Vict. H.), Francis Mizzi u Joe Cini (Kerċem Ajax).

Wara biss ħames minuti logħob it-team tagħna kien diġà qiegħed jirbaħ bl-iskor ta' 2-0, biex sa tmiem l-ewwel taqsima l-iskor sar 3-2 favur it-team tagħna.

Kif bdiet it-tieni taqsima t-team tagħna reġa kabbar il-vantaġġ għal 5-2, it-team tal-PWD ġie mogħti żewġ penalties biex naqas l-iskor għal 5-4. Hawn it-team tagħna reġa' beda jilgħab b'aktar determinazzjoni biex reġa kabbar l-iskor għal 7-5, l-aħħar wieħed minn penalty.

L-iskorers għat-team tagħna ġew skorjati hekk: PS567, T. Bajada (3), PC756 J. Camilleri (2) u goal kull wieħed PC740 J. Agius, u PC610 L. Grima.



**Waqt il-preżentazzjoni taċ-Challenge Cup lit-team tagħna.**


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

**Bank of Valletta Limited, Malta**

*For a Better Service*